MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2003

Numru. 46/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**George Cini bin Michael u Rita nee` Camilleri li joqghod "Arcadia", Triq Sir Paul Boffa, Victoria Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita Nru 2008425P)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar is-7 ta' Jannar, 2003 u fil-granet ta' qabel din id-data fit-Triq Sir Paul Boffa u/jew fit-Triq 31 ta' Marzu, Victoria (1) ezercita s-sengha ta' "mechanic" tal-vetturi minghajr licenzja ta' l-Awtorita` Regolatorja (sezzjoni Licenzji tal-Kummerc) (2)

talli nhar is-7 ta' Jannar 2003 u/jew fil-granet ta' qabel din id-data tefa' u waqqa' jew iddepozita jew talli halla spare parts u zjut ta' vetturi jaqghu jew jitpoggew fit-Triq Sir Paul Boffa u Triq 31 ta' Marzu, Victoria u ghalhekk f'post pubbliku jew il-pubbliku ghandu access ghalih minghajr hlas, b'tali cirkustanzi li seta' jikkawza jew igieghel li jithassar post fil-miftuh, (3) u aktar talli fis-7 ta' Jannar 2003 fl-10.15a.m. u/jew fil-granet ta' qabel din id-data minghajr licenzja tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, Ghawdex, pogga spare parts, ghodda u magna ta' vettura fit-Triq Sir Paul Boffa u fit-Triq 31 ta' Marzu, Victoria b'tali mod u cirkustanzi li jistghu jgibu xkiel, periklu jew inkomdu lill-pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 29 (b) tal-Kap 441 u l-artikolu 377 (3) tal-Kap 9;

Semghet l-ammissjoni.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati.

Rat l-artikoli 13 u 29 Kap 441, artikoli 3 u 9 tal-Kap 206;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50);

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni wara li l-partijiet iddikjaraw illi l-inkonvenjent tnehha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------